# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-lum 14 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 461/2013

Il-Pulizja

(Spettur Johann Fenech)

Vs

Fabio Vespa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Fabio Vespa, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 38995A akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Frar, 2012, u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Importa jew gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Qanneb Indjan) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pusess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu bi ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'karta ta' identita' Taljana b'numru AM9279263 f'isem Michele Vespa, jew ghamel uzu jew kien fil-pussess ta' dan id-dokument li hu jaf illi kien iffalsifikat, mibdul jew li sar xi tibdil fuqu, u dan bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli gieghel li jinghata xi prospett falz, jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Ottubru, 2013, li permezz taghha sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22, 22(1B), 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 32(1c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess Qorti lliberatu mir-reati kkontemplati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll mir-reat ikkontemplat taht l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu alternattiv ghal dak misjub fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) u ghal multa ta' €5,000 kif ukoll sabiex fit-termini tal-artikolu 533 Kap 9 ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €1,185.25 fi zmien gimgha. Ghalhekk l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal- ewwel, it-tieni, il-hames, is-seba u t-tmien akkuzi u lliberatu mit-tielet, ir-raba u s-sitt akkuza;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Fabio Vespa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2013, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant kien illiberat minn l-

akkuzi dedotti kontra tieghu , thassarha u tirrevokaha billi tillibera lill-appellant mit-tieni akkuza u tapplika piena anqas harxa;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

L-appellant ressaq zewg aggravji dwar is-sentenza appellata. Fl-ewwel aggravju tieghu jilmenta dwar apprezzament zbaljat tal-provi filwaqt illi t-tieni aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Fir-rikors tieghu, l-appellant , diversament rapprezentat mil-lum, rrikorra ghal-terminologija kemxejn iebsa sabiex jiddiksrivi r-ragunijiet ghaliex l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konkluzzjoni taghha. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-mod xejn felici ta' kif id-difensur precedenti tal-appellant esprima l-opinjoni divergenti tieghu u ghalkemm, naturalment mhu ser ikollu ebda effett fuq din id-decizzjoni finali, dan , ghal korrettezza, ma jistghax jghaddi inosservat ghaliex huwa mankanti hafna lejn ir-rispett dovut lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Qabel kull konsiderazzjoni ohra, tajjeb li jkun senjalat illi dan l-appell huwa rivolt unikament versu s-sejbien ta' htija fuq it-tieni akkuza ghaliex l-appellant mhux qed jilmenta dwar il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti dwar sejbien ta' htija fuq l-ewwel, , l-hames, s-seba u t-tmien akkuzi. Issa, l-fatti ta' dan il-kaz jistghu jkunu sintetizzati bil-mod segwenti. L-appellant, li huwa ta' nazzjonalita' Taljana u provenjenti minn Catania, mitlub mill-awtoritajiet doganali mal-wasla tieghu Malta sabiex jipprezenta dokument ta' identita', wera karta tal-identita' Taljana li minnufih kienet turi li kienet suspettuza peress illi d-dokument kien jappartjeni lil hu l-appellant bir-ritratt tal-appellant superimpost. Wara tfittxija fil-valiggja tieghu instabu zewg pakketti zghar kontenenti 25 zerriegha kull wiehed tal-pjanta Cannabis;

L-appellant ma jikkontesta xejn minn dan kollu, la dwar il-falzita' tad-dokumenti u l-uzu taghhom u wisq anqas dwar il-pussess taz-zerriegha misjuba fil-valiggja tieghu izda jghid illi dawk xtrahom legittimament mill-Olanda tramite sit tal-internet u kienu mpostati lilu fl-indirizz tieghu Catania fejn hu lecitu tali pussess. Huwa jghid li dawk xtrahom sabiex jikkolezzjonahom u peress illi kien fi hsiebu jibda jghix Malta wara dik il-mawra, haseb biex igib dik iz-zerriegha hawnhekk ukoll. L-appellant jghid li hu kien gie Malta dakinhar biex jassisti lit-tfajla tieghu minnu tqila wara kumplikazzjoniijiet u ghamel dan billi ffalsifika dokument tal-identita' sabiex ikun jista' johrog mill-Italja peress illi kien qieghed b'liberta' provizzorja pendenti proceduri kriminali dwar ricettazzjoni ta' *motorino*;

Illi kif gia, senjalat *supra*, l-appellant qed jikkontesta mhux il-pussess ta' din iz-zerriegha izda l-imputazzjoni ta' pussess aggravat. L-ewwel ilment tieghu hu li ghad illi z-zerriegha kienet kollha *female*, dan ma kienx bizzejjed wahdu sabiex jipprova ix-xjenza tieghu fil-kommissjoni tad-delitt aktar u aktar meta stqarr u xehed illi kien xtraha bil-miftuh, hallas ghaliha bil-*credit card* tieghu u irceviha bil-posta fir-residenza tieghu Catania. Dan bl-ebda mod, skond l-appellant, ma kien juri xjenza da parti tieghu sabiex jitraffika fl-istess zerriegha. Jghid ukoll l-appellant illi kieku l-Ewwel Qorti ghamlet ricerka kienet tintebah illi anke meta z-zerriegha tkun *female* u allura germinabbli, "*r-rata ta' success hija wahda zghira u zghira hafna*" u sabiex tikkoltiva l-pjanta jehtieg ferm aktar zerriegha minn hekk. Skond l-appellant, l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet illi messu kien jaf xi jfisser li zerriegha tkun *female* la darba jahdem ma missieru fl-agrikoltura. Kienet ukoll zbaljata l-Ewwel Qorti meta rragunat illi la darba l-appellant ma jikkonsmax droga, allura z-zerriegha ma kienitx destinata ghall-uzu personali tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi kif ben stabilit fil-gurisprudenza, din il-Qorti mghandhiex tasal biex tiddisturba d-diskrezzjoni u l-gudizzju tal-ewwel Qorti dwar htija bazata fuq il-provi li jkunu akkwiziti u debitament registrati sakemm ma jkunx jidher li l-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti qatt ma setghet ragjonevolment tasal ghaliha fuq dawk il-provi. Fil-kaz in dizamina, l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant wara li kkonsidrat l- aspetti kollha tal-provi quddiemha. L-atti processwali juru illi mas-sejba ta' din iz-zerriegha, il-Magistrat Inkwirenti kienet hatret diversi esperti sabiex jghinuha. Wiehed minn dawn l-esperti kien ix-xjenzat Godwin Sammut li biex jespleta l-inkarigu tieghu esperimenta b'ghaxar zerrieghat minn kull pakkett bir-rizultat illi kull wahda mill-ghoxrin zerriegha ggerminat b'success u rrendew ghoxrin xitla tal-pjanta Cannabis tul ta' 70 mm f'temp ta' ghoxrin jum. Estratti mehuda mill-pjanti imbghad urew l-presenza ta' *tetrahydrocannabiol* , sustanza kontrollata bil-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta. Din il-prova flimkien max-xhieda tal-appellant inniffsu jidher li kienu jiffurmaw il-pern tas-sentenza appellata;

Ezaminati l-atti processwali jemergi illi espert nominat waqt l-*in genere* kien ezamina zewg telefons cellulari tal-appellant. Minkejja ezami akkurat u estensiv, ma nstab xejn li jista' b'xi mod juri li l-appellant kellu xi informazzjoni relatata mat-traffikar tad-droga. Espert iehor prezenta *hard copy* tal-informazzjoni misjuba fis-sit tal-internett li minnu l-appellant xtara z-zerriegha in kwisjtoni. L-Ewwel Qorti gharblet sew il-provi u hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi minkejja li l-appellant jghid li kien xtara z-zerriegha ta' droga biex jibda jikkollezzjona, huwa ghazel li jgib mieghu hawn Malta biss dawn iz-zewg pakketti kontenenti hamsin zerriegha u ragjonevolament isegwi l-kwezit ghaliex dawn iz-zewg pakketti meta proprju dakinhar ma kienx intenzjonat li jibqa' Malta izda kellu l-hsieb li jigi hawn imbaghad jippjana r-ritorn tieghu biex jittrasloka lejn Malta. L-imputat ma ghenx lilu nniffsu fil-kontradizzjonijiet li jemergi mid-deposizzjoni tieghu u mill-

istqarrija li ta' l-pulizija. Per ezemplari, a fol. 247 l-appellant xehed illi xtara z-zerriegha ghall-kollezzjoni tieghu ghax ilu hafna jaghmel din il-kollezzjoni izda fl-istqarrija tieghu qal li kien ghadu kemm beda jikkolezzjona.L-appellant jargomenta li la darba ma jikkonsmax droga allura b'daqshekk wahdu ghandu jitwemmen li ma kienx ser ikabbar l-cannabis biex jikkonsmaha. Anke jekk l-appellant ma jghamilx uzu mid-droga m'ghandux isegwi b'xi mod logiku li ma jistghax jitqies li xtara z-zerriegha biex jitraffikaha. Ghall-mistoqsija ghaliex xtara zerriegha *female* l-appellant kien wiegeb li dik kienet tidher meta mar fuq is-sit tal-internet. Anke hawn, l-Qorti ma tarax kif l-Ewwel Qorti kellha tkun motivata mod iehor fid-decizzjoni taghha. L-istess jinghad dwar id-dikjarazzjoni li hu hallas ghax-xiri taz-zerriegha bil-*credit card* tieghu u ircevihom fl-indirizz tar-residenza tieghu Catania. Izda, jekk skond l-appellant, dan kollu huwa lecitu l-Italia, x'ezitu ghandu jkollu fil-fatt li sussegwentement jimporta dik iz-zerriegha, u dik biss mill-allegata kollezzjoni tieghu, hawn Malta?

L-appellant jargumenta ukoll illi l-Ewwel Qorti kellha tkun konsapevoli tal-fatt, skond hu, tar-rata ta' success ta' tkabbir tal-pjanta minn 50 zerriegha huwa wiehed minimissimu u ghalhekk jehtieg hafna u hafna aktar zerriegha sabiex din tirrizulta fi pjanta b'success. Jghid ukoll illi kien jispetta lill-Ewwel Qorti li tkun daqshekk ghall-kurrenti ta' tali fatti izda din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-linja difensjonali tal-appellant assunta f'dan l-istadju. L-Ewwel Qorti gustament hadet kull prekawzzjoni dwar dan bin-nomina ta' espert li rraporta li kullwahda miz-zerriegha kienet germinabbli kif gia inghad *supra.* Lanqas ma tista' din il-Qorti taccetta l-argument illi l-qrati taghna dejjem fittxew fatti cirkostanzjali biex tinsab htija fl-akkuzi ta' traffikar, bhalma huma mwiezen, l-kuntatti tal-akkuzat, ic-cirku tal-hbieb eccetera. Dawn huma indizzji cirkostanzjali illi jekk huma mgharufa allura naturalment ser jittiehdu in konsiderazzjoni fil-gudizzju izda jekk ma jezistux allura b'daqshekk

m'ghandux iwassal lil gudikant jikkonkludi li ma tistax tissussisti l-akkuza ta' trafikkar jew pussess aggravat;

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tikkonkludi li l-Ewwel Qorti ma setghetx, fuq il-provi mressqa, ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

Fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u li tifforma t-tieni aggravju ta' dan l-appell irid jinghad illi kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna in materja ta' piena, l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fil-piena kominata sakemm din ma tkunx 'l hinn mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dik fil-fatt moghtija. Dan il-principju kien riaffermat b'mod kostanti kif jemergi mis-sentenza anke ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali kollegjalment moghtija fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs ..*ommisis*.. u Noel Frendo tat-3 ta' Dicembru 2015.** L-appellant jirrikonoxxi li l-piena kominata mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-ligi izda jsostni li kienet wahda harxa wisq. Inoltre itenni illi fil-kaz odjern kien certament applikabbli l-artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali u l-Ewwel Qorti ma qalitx kif ikkomputat il-piena fit-termini tal-artikolu 17;

Dwar il-komputazzjoni tal-piena, l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 jipprovdi illi *fil-konkors ta' reati u ta' pieni, persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta' persunali, tigi ikkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien*. Issa, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma qalitx kif waslet ghall-komputazzjoni dwar il-piena, certament li ghamlet il-komputazzjonijet taghha meta erogat piena komplessiva. L-appellant jghid izda illi t-tieni akkuza kienet soggetta ghal-piena ta' prigunerija effettiva ta' minimu ta' sitt

xhur u l-kaz odjern ma jindikax li ghandu jkun punit b'piena ta' prigunerija ta' sentejn. Dan jipprezumi illi l-appellant qieghed jistenna l-applikazzjoni tal-piena fil-minimu taghha mhux biss ghar-reat ravvizat fit-tieni akkuza izda ukoll ghar-reati l-ohra li taghhom instab hati. In rigward tajjeb li ssir referenza ghall-dak ritenut mill-Qorti tal-Apell Kriminali fis-sentenza citata 3 ta' Dicembru 2015 meta ccitat mill-Balckstone's Criminal Practice 2004 (pagna 1695) u li tajjeb li tkun hawn ukoll riprodotta:

*The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalites or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, "This Court will be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, thought they may appear heavy to individual judges" (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: " … that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle. "Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase "wrong in principle". In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle' words to the effect that the sentence was 'excessive' or manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed;*

Dan l-insenjament kif abbraccjat mill-Qrati taghna, certament isib ukoll adezzjoni minn din il-Qorti u bhala konsegwenza din il-

Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tnaqqas mill-piena  erogata almenu kwantu din tolqot it-terminu ta' prigunerija komplessiva ta' sentejn. Kwantu ghall-piena ta' hlas ta' multa ta' €5000 ghandhom japplikaw l-istess principji izda din il-Qorti imbaghad trid tqis li jehtieg ikun hemm certu relattivita ukoll bejn l-ammont ta' prigunerija imposta u l-multa li fin-nuqqas ta' hlas ser tissarraf fi prigunerija addizzjonali u hawn ittendi taqbel mal-appellant fejn hemm lok ta' temperament. Ghal dawn il-motivi biss, il- multa inflitta fuq l-appellant qed tkun ridotta ghall-€2000;

Ghal motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell bil-mod segwenti u cioe' billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu din sabet htija fl-appellant ghar-rigward tal-ewwel, it-tieni, l-hames, is-seba u t-tmien akkuza u lliberatu dwar it-tielet, ir-raba u s-sitt akkuza wara li ma sabitux hati taghhom; tikkonfermaha ukoll fejn kkundannat lill-appellant ghal-perodju ta' prigunerija ta' sentejn u ordnatlu jhallas ghall-ispejjez peritali, izda tbiddilha kwantu kkundannat lill-appellant ghal-hlas ta' multa ta' €5000 u minflok tikkundannah tal-hlas ta' multa ta' €2000.